MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2225/2004

**Gasan Mamo Insurance Ltd – C3413 kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat tagħha John Busuttil u l-istess John Busuttil (ID: 588056 M)**
**Vs**
**Paul Galea (ID: 540354 M)**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fis-26 ta' Novembru, 2004 fejn is-soċjeta` attriċi talbet sabiex il-konvenut iħallas is-somma ta' Lm 300.11 (tliet mitt lira Maltija u ħdax-il ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta' Lm232.63 (mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu) lis-soċjeta' assikuratriċi u in kwantu għas-somma ta' Lm67.48 (sebgħa u sittin lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu) lill-attur John Busuttil rappreżentanti danni kkaġunati f'inċident stradali fil-Hamrun, nhar is-17 ta' Diċembru, 2003.

Fl-Avviż tat-talba intqal li:-

Il-konvenut huwa debitur ta' l-atturi fis-somma ta' Lm 300.11 (tliet mitt lira Maltija u ħdax-il ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta' Lm67.48 (sebgħa u sittin lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu) u dana in kwantu għas-somma ta' Lm232.63 (mitejn u tnejn u tletin lira Maltija u tlieta u sittin ċenteżmu) lis-soċjeta' assikuratriċi u in kwantu għas-somma ta' Lm67.48 (sebgħa u sittin lira Maltija u tmienja u erbgħin ċenteżmu) lill-attur John Busuttil rappreżentanti danni li sofrew l-atturi meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru BAV 418 fs-17 ta' Diċembru, 2003 ġewwa l-Hamrun, ħabat mal-vettura numru CBG 225 propjeta' ta' l-attur John Busuttil u misjuqa minnu u kkaġuna danni f'din l-istess vettura.

Dan l-inċident huwa għalih unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tiegħu kien wieħed negliġenti u traskurat.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-parir (Lm15.00) u ta' l-ittra uffiċjali datata 15 ta' Ottubru, 2004 kontra l-konvenut u ta' ittra uffiċjali oħra ippreżentata kontestwalment ma' dan l-avviż kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut, bl-imgħax kontra l-istess konvenut li hu minn issa nġunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut Paul Galea fejn ingħad:-

Illi t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom ikunu miċħuda bl-ispejjeż stante li l-inċident stradali in kwistjoni ma seħħx b'tort ta' Paul Galea, imma unikament b'tort ta' John Busuttil, is-sewwieq l-ieħor involut fl-istess inċident, u dana minħabba traskuraġni, imperizja u nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-istess John Busuttil u għalhekk Paul Galea m'għandu jkun ikkundannat iħallas ebda danni.

Mingħajr preġudizzju għall-premess, l-atturi jridu jagħmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża hija kemm xejn partikolari fis-sens li qed jiġi allegat li x-xufier ossia l-attur Għalkemm kien qiegħed fil-main road, għamel sinjal lill-konvenut sabiex dana joħroġ. Dan huwa kontestat mill-istess attur li kien qed isuq il-vettura attriċi. Mhux ħaġa normali illi vettura li tkun ġo main road u tavviċina kantuniera tagħti fakolta' lill-vettura li ħierġa minnha side road, sabiex toħroġ u tidħol fil-flow tat-traffiku fi triq prinċipali aktar u aktar meta traffiku fi triq prinċipali qed jimxi bil-mod. Il-kontestazzjoni f'din il-kawża hija kristalizzata filwaqt li l-attur għamel sinjal lill-konvenut biex ma joħroġx. Da parti tagħhom il-konvenut u l-mara li kienet passiġġiera miegħu femuh illi kienu għamlulu sinjal biex joħroġ. Mix-xhieda ta' l-istess konvenut, il-mara tiegħu, jirriżulta li kellhom diffikulta minħabba double lane parking, kien għaddej ħafna traffiku u nuqqas ta' fiżwali. Dawn iż- żewġ tipi ta' verżjonijiet ġew mogħtija ukoll lill-pulizija nvestigattiv u ġew konfermati f'dawn il-proċeduri. F'każijiet simili t-Tribunal irid jiddeċiedi l-kawża merament fuq probabilitajiet u possibilitajiet ancor l-oneru tal-prova jinsab fuq l-attur.
F'din il-kolliżjoni l-attur kien fil-main road, il-konvenut kien ħiereġ minn side road, jipprova jinnavika sabiex jipprova jidhol fil-main road, kien qed jimxi bil-mod minħabba li kien diffiċli għalih minħabba viżwali u minħabba d-double lane parking. Kieku l-attur ma għamel l-ebda sinjal żgur ma kenitx tinqala' din il-kwistjoni minħabba li r-regolamenti tal-main road u side road.
Pero' mhux l-ewwel darba illi jsir sinjal tramite ġestikular ta' l-idejn biex xufier mhux jagħti direzzjoni jew approvazzjoni iżda bll-kuntrarju biex jagħti diżaprovazzjoni tiegħu lejn xufier ieħor għal mod ta' sewqan u f'dan il-każ odjern it-Tribunal huwa propens illi jaċċetta l-verżjoni attriċi ossia illi kien qed jagħmel sinjal biex jindika anzi joħroġ. Huwa pjuttost in vero simili illi kif allegat mill-konvenut, illi bniedem jagħmillek sinjal biex toħroġ imbagħad fl-istess jaqbad ir-rotta tiegħu u jikkaġuna l-istess kolliżjoni.
Hija aktar vero simili illi l-konvenut u l-passigier tiegħu, taw evalwazzjoni eronea tas-sinjal magħmul mill-attur u ħasbu illi setgħu joħorġu għat-triq prinċipali. Tant ħasbu ħażin illi

kien fl-istess mument li t-triq quddiem il-konvenut krinjat u dana mexa. Għar-rigward ta' danni l-ammont ma ġiex kontestat u qed jiġi akkordat.
Jiddeciedi billi filwaqt li jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenut, jiddikjarah responsabbli għall-istess inċident, jilqa’ t-talbiet attriċi u jikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tlett mitt lira Maltija u ħdax-il ċenteżmu bl-ispejjeż u bl-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------